# KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ipprezentati fit-8 ta' Marzu 2007 [1]

## I — Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija msejħa tikkjarifika l-kwistjoni dwar jekk id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2001/220/JHA tal-15 ta' Marzu 2001, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali [2], ikkunsidrata flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti [3] tirrikjedix li fondi approprjati indebitament jiġu restitwiti, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, lil kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata leża. Jeħtieġ, b'mod partikolari, li jsir magħruf jekk il-kunċett ta' "vittma", li jinsab fid-Deċiżjoni Qafas, jinkludix — għall-kuntrarju tad-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 1(a) — mhux biss persuni fiżiċi, iżda jekk għandux jiġi estiż għal persuni ġuridiċi wkoll. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju jibbaża fuq id-direttiva, li ma tinkludi ebda definizzjoni ta' "vittimi".

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Komunitajiet Ewropej*

2. Skond l-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, "vittma" tfisser "persuna fiżika li tkun sofriet danni, inkluż ħsara fiżika jew mentali, tbatija emozzjonali jew telf ekonomiku, kawżati direttament minn atti jew ommissjonijiet li [jiksru l]-liġi kriminali ta' Stat Membru".

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU L 82, p. 1.

3 — ĠU L 261, p. 15 (verżjonijiet lingwistiċi ta' l-Ewropa bi 15-il pajjiż).

3. L-Artkolu 2(1) jiddeskrivi b'mod ġenerali t-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-interessi tal-vittmi:

"1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi jkollhom rwol sinifikanti u xieraq fis-sistema legali kriminali tiegħu. Dan għandu jkompli jagħmel kull sforz sabiex jiżgura li l-vittmi jkunu trattati bir-rispett dovut għad-dinjità ta' l-individwu matul il-proċeduri u għandu jirrikonoxxi d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-vittmi b'referenza partikolari għall-proċeduri kriminali."

4. L-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Qafas jikkonċerna d-dritt għal ħlas ta' kumpens fil-kuntest tal-proċeduri kriminali:

"1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittmi ta' azzjonijiet kriminali ikunu intitolati li jiksbu deċiżjoni f'limiti ta' ħin limitat fuq il-kumpens mill-ħati matul il-proċeduri kriminali, ħlief fejn, f'ċerti każi, il-liġi nazzjonali tipprovdi għal kumpens b'mod ieħor.

[...]

3. Sakemm ma' tkunx meħtieġa b'mod urġenti għal xi proċeduri kriminali, il-propjetà tal-vittmi li tista' tiġi rkuprata u li tkun ġiet sekwestrata matul il-proċeduri kriminali għandha tkun restitwita lilhom mingħajr telf ta' żmien."

5. Is-seba' premessa tad-Deċiżjoni Qafas tenfasizza r-relazzjoni mal-proċedura ċivili:

"Il-miżuri li jassistu l-vittmi tal-kriminalità, u b'mod partikolari d-disposizzjonijiet rigward il-kumpens u l-medjazzjoni ma' jikkonċernawx l-arranġamenti taħt il-proċedura ċivili."

6. Id-Direttiva 2004/80 tirrigwarda l-ħlas ta' kumpens mill-Istat lill-vittmi ta' reati. Din tinkludi dispożizzjonijiet intiżi sabiex jiffaċilitaw kumpens f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Il-prinċipji bażiċi essenzjali huma msemmija fl-ewwel żewġ artikoli:

"Artikolu 1

Id-dritt li wieħed jissottometti applikazzjoni fl-Istat Membru tar-residenza

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn delitt internazzjonali vjolenti jkun ġie kommess fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn l-applikant għal kumpens ikun

residenti abitwalment, l-applikant għandu jkollu d-dritt li jissottometti l-applikazzjoni lil awtorità jew kull korp ieħor fl-Istat Membru msemmi l-aħħar.

Artikolu 2

Responsabbilta għall-ħlas ta' kumpens

Kumpens għandu jitħallas mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ġie kommess id-delitt."

7. Kuntrarjament għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni, il-leġiżlatur irrinunzja milli jarmonizza d-dispożizzjonijiet dwar ħlas ta' kumpens. Madankollu, is-sitt premessa tistabbilixxi dan li ġej:

"Vittmi tad-delitti fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ntitolati għal kumpens [ġust] u xieraq għall-ħsarat li jkunu soffrew, mingħajr ma' jingħata każ ta' fejn fil-Komunità Ewropea jkun ġie kommess id-delitt."

8. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80 jipprovdi s-segwenti:

"1. Ir-regoli dwar aċċess għal kumpens f'sitwazzjonijiet ta' qsim il-fruntiera mfassla minn din id-Direttiva għandhom joperaw fuq il-bażi ta' skemi ta' l-Istati Membri fuq kumpens għal vittmi ta' delitti vjolenti [intenzjonati] kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom jipprovdu għall-eżistenza ta' skema ta' kumpens lil vittmi ta' delitti vjolenti [intenzjonati] kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom, li tiggarantixxi kumpens [ġust] u xieraq għal vittmi."

9. L-Artikolu 17(a), tad-Direttiva 2004/80, jenfasizza li l-Istati Membri jistgħu, indipendentement mid-direttiva, jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-benefiċċju tal-vittmi ta' reat jew ta' kull persuna oħra affettwata minn reat, safejn dawn id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' din id-direttiva.

B — *Id-dritt Taljan*

10. Milli jidher, l-Italja ma ttrasponietx espressament id-definizzjoni ta' vittma skond l-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220.

11. L-Artikoli 262 u 263 tal-*codice di procedura penale* Taljan jirregolaw ir-restituzzjoni ta' beni ssekwestrati matul il-proċeduri kriminali. Id-deċiżjoni fir-rigward tar-restituzzjoni hija, bħala prinċipju, kompetenza tal-qorti kriminali. Madankollu, fil-każ ta' kontroversja dwar il-proprjetà tal-beni, il-qorti kriminali tibgħat il-kawża quddiem qorti ċivili kompetenti.

12. Barra minn hekk, l-Artikoli 74 *et seq* u l-Artikoli 538 *et seq* tal-*codice di procedura penale* Taljan jipprovdu regoli dettaljati dwar il-proċess deċiżjonali fir-rigward tat-talbiet għal ħlas ta' kumpens għal danni ppreżentati mill-vittma fil-kuntest tal-proċeduri kriminali.

## III — Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

13. Giovanni Dell'Orto, flimkien ma' imputati oħra, ġie kkundannat, permezz ta' sentenza ta' l-4 ta' Mejju 1999, mogħtija abbażi ta' ftehim mal-prosekuzzjoni, għal piena sospiża ta' sena u sitt xhur ħabs, kif ukoll għall-ħlas ta' multa, għal atti li jikkostitwixxu reat ta' għoti ta' informazzjoni falza dwar il-kumpanniji, b'mod partikolari bil-għan li jikkommettu reati ta' approprjazzjoni indebita aggravata u ta' finanzjament illegali ta' partiti politiċi, għad-detriment tal-kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata SAIPEM SpA. Sadanittant, din is-sentenza saret *res judicata*.

14. Meta l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja, is-Sur Dell'Orto ttrasferixxa, minn kont barrani lejn l-Italja, ammont ta' EUR 1 064 069,78 li l-qorti tar-rinviju indikat bħala li tifforma parti mis-somom ta' flus approprjati indebitament u li kienet għal-daqstant proprjetà ta' SAIPEM. Il-kont Taljan ġie ssekwestrat taħt kustodja.

15. Id-deċiżjoni kkonċernata ma tipprovdi xejn għal dak li jikkonċerna s-somma ta' flus issekwestrata. Fuq talba ta' SAIPEM, ir-restituzzjoni ta' l-ammont issekwestrat kien is-suġġett ta' digriet tat-3 ta' Diċembru 1999. Għal dan il-għan, il-flus disponibbli fuq il-kont ġew miġbuda fl-10 ta' Diċembru 1999, u l-kont ingħalaq.

16. Il-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax liema kienet il-qorti li kkundannat lis-Sur Dell'Orto u li ddeċidiet dwar ir-restituzzjoni tas-

somom ta' flus issekwestrati; madankollu jidher li dawn id-deċiżjonijiet ittieħdu mill-istess qorti.

17. Il-Corte di Cassazione annullat dan id-digriet fit-8 ta' Novembru 2001. Din il-qorti qieset li peress li ma sarx ftehim dwar ir-restituzzjoni ta' l-ammont issekwestrat mal-prosekuzzjoni, ir-restituzzjoni ma setgħetx tiġi ordnata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali.

18. Wara numru ta' deċiżjonijiet interlokutorji oħra, il-qorti tar-rinviju ġiet imsejħa, bħala mħallef li għandu l-kompetenza jeżegwixxi s-sentenza, sabiex tiddeċiedi dwar il-miżuri li kien għadhom iridu jittieħdu fir-rigward tas-somma ta' flus in kwistjoni. Sabiex tipprepara din id-deċiżjoni, il-qorti staqsiet is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Ir-regoli msemmija fl-Artikoli 2 u 9 tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220/JHA jistgħu, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali japplikaw, b'mod ġenerali, għal kull parti affettwata minn reat, skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 1 *et seq* tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti jew skond dispożizzjonijiet oħra tad-dritt Komunitarju?

2) Ir-regoli msemmija fl-Artikoli 2 u 9 tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 jistgħu japplikaw fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għall-eżekuzzjoni ta' piena sussegwenti għal sentenza definittiva ta' kundanna (u għaldaqstant ukoll għal sentenza li tapplika l-piena [...] [mogħtija wara ftehim mal-prosekuzzjoni]) [4] għal *kull parti affettwata minn reat,* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 1 *et seq* tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80?"

19. Is-Sur Dell'Orto, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Awstrija, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-kuntest tal-proċedura għal domanda preliminari.

## IV — Diskussjoni

20. Il-qorti tar-rinviju titlob interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 fid-dawl tad-Direttiva 2004/80. Fil-fatt hija tixtieq tinterpreta d-dritt nazzjonali, skond il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi mad-Deċiżjonijiet Qafas, safejn huwa possibbli fid-dawl tat-test u l-għan

4 — Test inkluż mill-awtur tal-konklużjonijiet.

tad-Deċiżjoni Qafas, sabiex jintlaħaq ir-riżultat previst minnha u sabiex tikkonforma ruħha ma' l-Artikolu 34(2)(b) UE [5]. Fir-rigward tal-kawża prinċipali, hija tikkunsidra li hija apparentement marbuta, skond id-Deċiżjoni Qafas, tiddeċiedi dwar ir-restituzzjoni minn SAIPEM tal-flus issekwestrati.

### A — *Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

21. Ir-Renju Unit iqis li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa inammissibbli. Il-qorti tar-rinviju tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 234 KE, filwaqt li titlob l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' Deċiżjoni Qafas, jiġifieri att legali li jaqa' taħt l-Artikolu 34(2)(b) UE. Talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni tista' ssir biss taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35(1) UE. L-Irlanda għandha opinjoni simili, filwaqt li tqis li hemm rimedju għall-iżball magħmul mill-qorti tar-rinviju, peress li talba simili taħt l-Artikolu 35 UE tkun ammissibbli.

22. Kif enfasizzat l-Irlanda waqt il-proċeduri orali, huwa naturalment eskluż li, bl-iskuża ta' talba għal deċiżjoni preliminari dwar kwistjonijiet relatati mad-dritt Komunitarju, kif previst mill-Artikolu 234 KE, qorti tista', fil-fatt, tirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni, li jkunu ammissibbli biss taħt kundizzjonijiet supplimentari msemmija fl-Artikolu 35 UE. Il-kwistjoni dwar safejn rinviju għal deċiżjoni preliminari li jikkonċerna d-dritt Komunitarju jista' jirreferi għad-dritt ta' l-Unjoni, fid-dawl ta' l-interazzjoni taż-żewġ sistemi legali, li dwarhom għandha ssir espożizzjoni ulterjuri, madankollu fil-prattika tista' tippreżenta problemi kumplessi ta' definizzjoni [6]. Madankollu, dawn il-problemi m'għandhomx bżonn jiġu solvuti hawnhekk.

23. L-argumenti tar-Renju Unit kontra l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari mhumiex konvinċenti. Kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati KE, KEFA u KEEA dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, li fosthom hemm l-Artikolu 234 KE, huma — bis-saħħa ta' l-Artikolu 46(b) UE — applikabbli għal dawk tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 35 UE. Minn dan jirriżulta li s-sistema prevista fl-Artikolu 234 KE hija intiża li tapplika għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti

5 — Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, Ġabra p. I-5285, punt 43). Fir-rigward ta' din il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja wieħed josserva li l-verżjoni Ġermaniża u dik Ingliża tas-sentenza jirreferu, b'mod żbaljat, għall-kunċett ta' "interpretazzjoni konformi mad-direttivi", li mhuwiex rilevanti fir-rigward ta' deċiżjonijiet qafas. Biż-żmien, dan l-iżball ta' traduzzjoni ġie korrett.

6 — Sentenza Pupino (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 19). Ara wkoll is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2007, Gestoras Pro Amnistía *et* vs Il-Kunsill (C-54/04 P, Ġabra p. I-1579, punt 54), u Sergi *et* vs Il-Kunsill (C-355/04 P, Ġabra p. I-1657, punt 54).

tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjonijiet preliminari skond l-Artikolu 35 UE, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni.

24. Talbiet għal deċiżjonijiet preliminari li jikkonċernaw id-dritt ta' l-Unjoni — kif previsti fl-Artikolu 35 UE — huma għal-daqstant, bħala prinċipju, talbiet skond l-Artikolu 234 KE. Il-fatt li l-qorti nazzjonali semmiet dawn id-dispożizzjonijiet, ftit jew wisq espliċitament, m'għandhux ikun deċiżiv għall-finijiet ta' l-ammissibbiltà tat-talba. Din tiddependi, min-naħa l-oħra, fuq il-ħarsien tal-kundizzjonijiet applikabbli rispettivament, fir-rigward tad-domandi dwar id-dritt ta' l-Unjoni, b'mod partikolari dawk iddefiniti fl-Artikolu 35 UE.

25. L-iktar kundizzjoni importanti, skond ir-Renju Unit u l-Irlanda, hija l-ħtieġa li l-Istat Membru kkonċernat jirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti sentenza fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw id-dritt ta' l-Unjoni. Dawn iż-żewġ Stati Membri fil-fatt m'għamlu ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens. Madankollu, kif tirrikonoxxi wara kollox l-Irlanda, m'hemm ebda dubju li l-qorti tar-rinviju tista' tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz ta' dikjarazzjoni li saret effettiva fl-1 ta' Mejju 1999, data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, ir-Repubblika Taljana indikat li kienet aċċettat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti msemmija fl-Artikolu 35 UE skond ir-regoli previsti fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu [7].

26. Barra minn hekk, ir-rilevanza tat-talba għal deċiżjoni preliminari għall-finijiet tas-sentenza li għandha tingħata hija kkontestata minn numru ta' pajjiżi.

27. Fir-rigward tal-bżonn li d-domandi jkunu rilevanti sabiex tingħata s-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li applikat il-ġurisprudenza tagħha li tikkonċerna l-Artikolu 234 KE għall-Artikolu 35 UE, ikkonstatat li l-preżunzjoni li d-domandi preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali huma rilevanti tista' tiġi eskluża biss f'każijiet eċċezzjonali, meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dispożizzjonijiet tad-dritt ta' l-Unjoni li jsir riferiment għalihom f'dawn id-domandi m'għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew l-għan tal-kawża prinċipali jew meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex quddiemha l-elementi ta' fatt jew ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula. Ħlief għal tali ipoteżijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, bħala prinċipju, tagħti sentenza fir-rigward tad-domandi preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' l-atti msemmija fl-Artikolu 35(1) UE [8].

7 — Informazzjoni li tirrigwarda d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam (ĠU L 114, p. 56).

8 — Is-sentenza Pupino (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 29 *et seq*, li fihom referenzi oħra għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 234 KE).

28. Il-Gvern Olandiż jikkritika l-fatt li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi l-ebda indikazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tad-dritt Taljan li għandhom jiġu interpretati skond id-Deċiżjoni Qafas 2001/220. Peress li applikazzjoni diretta tad-Deċiżjoni Qafas hija eskluża tagħrif bħal dan ikun neċessarju.

29. Skond ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li hija utili għall-qorti nazzjonali teżiġi li fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha hija tiddefinixxi, il-kuntest ta' fatt u ta' dritt li jaqgħu fih id-domandi magħmula minnha u li, ta' l-inqas, tispjega l-ipoteżijiet ta' fatt li fuqhom huma bbażati dawn id-domandi. Dawn l-ispjegazzjonijiet għandhom ukoll jagħtu lil Gvern ta' l-Istati Membri u lill-partijiet interessati l-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet skond l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li huma biss id-deċiżjonijiet ta' rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet interessati [9].

30. Huwa minħabba f'hekk li l-qorti tar-rinviju għandha tesponi l-kuntest ġuridiku, safejn dan huwa meħtieġ għall-finijiet ta' risposta utli għad-domanda preliminari. Min-naħa l-oħra hija mhijiex marbuta li turi li l-interpretazzjoni konformi mitluba tkun effettivament possibbli. Skond is-sentenza Pupino, sempliċi dubji dwar il-possibbiltà ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma jwasslux għall-inammissibbiltà tat-talba; għall-kuntrarju, jeħtieġ li din l-interpretazzjoni tkun manifestament impossibbli. Meta ma jkunx ċar li huwa impossibbli li d-dritt nazzjonali jiġi interpretat b'mod konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk, fl-imsemmija kawża, tistax tingħata interpretazzjoni li tkun konformi mad-dritt nazzjonali tagħha [10]. Din il-pożizzjoni hija wara kollox loġika, peress li l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali — inkluża l-interpretazzjoni skond id-dritt ta' l-Unjoni jew id-dritt Komunitarju — ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari.

31. Għaldaqstant, seta' forsi jkun utli li wieħed ikun jaf iktar dwar id-dispożizzjonijiet li l-qorti tar-rinviju tixtieq tinterpreta in konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 [11]; madankollu n-nuqqas ta' informazzjoni bħal dan ma jwaqqafx lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti risposta utli għad-domandi preliminari.

32. Il-Gvern Awstrijak saħansitra jmur ftit iktar lilhinn mill-Gvern Olandiż, billi jsostni li skond id-dritt Taljan, fi proċeduri kriminali għall-eżekuzzjoni ta' piena ma tistax tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-vittma taħt id-dritt ċivili. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija għaldaqstant ta' natura ipotetika.

9 — Sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio (C-217/05, Ġabra p. I-11987, punti 26 sa 28) u l-konklużjonijiet tiegħi fl-istess kawża, tat-13 ta' Lulju 2006, punt 33, kull darba b'referenzi supplimentari.

10 — Sentenza Pupino (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 48).

11 — Ara, punt 79.

Madankollu, dan l-argument mhuwiex deċiżiv, peress li ma jinkludi l-ebda indikazzjoni li hija ta' natura li tqajjem dubji manifesti dwar il-possibbiltà ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali skond id-Deċiżjoni Qafas 2001/220.

33. Iżjed importanti huma d-dubji espressi mil-Gvern Irlandiż rigward il-possibbiltà, għad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li tipproduċi effetti ġuridiċi *ratione temporis* fil-kawża prinċipali. Il-kundanna tas-Sur Dell'Orto tmur lura għall-4 ta' Mejju 1999; l-ammonti ta' flus in kwistjoni ġew issekwestrati taħt kustodja fid-29 ta' Settembru 1997, filwaqt li l-approprjazzjoni indebita jew l-allegat serq ta' fondi saru f'perijodu iktar qabel. Min-naħa l-oħra, kien biss fit-22 ta' Marzu 2002 li għalaq it-terminu għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, filwaqt li dak li jikkonċerna d-Direttiva 2004/80 għalaq fl-1 ta' Lulju 2005 u fl-1 ta' Jannar 2006, rispettivament. Madankollu, għalkemm, minħabba raġunijiet relatati ma' termini taż-żmien, id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma tista' tipproduċi ebda effett ġuridiku għall-finijiet tar-restituzzjoni tal-beni allegatament approprjati indebitament, interpretazzjoni tad-dritt Taljan skond id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 tidher li teskludi u telimina l-fatt li t-talba għal deċiżjoni preliminari tista' tkun ta' interess għall-finijiet tal-kawża prinċipali.

34. Madankollu, fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pupino, jiena kkonkludejt li l-fatt li l-ġrajjiet in kwistjoni seħħew qabel ma ġiet adottata d-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma jippreklud ix interpretazzjoni konformi magħha. Fil-fatt, skond ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli tal-proċedura għandhom ġeneralment japplikaw għall-kawżi pendenti kollha fil-mument li dawn jidħlu fis-seħħ [12]. Dwar l-applikabbiltà *ratione temporis*, il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li lanqas sabet ostaklu għal interpretazzjoni konformi mad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, peress li hija ma ttrattatx dan il-punt fil-kawża Pupino. Bħal fil-kawża Pupino, din il-kawża tikkonċerna kwistjonijiet proċedurali fil-kuntest tal-kawża prinċipali, jiġifieri l-ġurisdizzjoni tal-qorti sabiex tiddeċiedi dwar jekk beni sekwestrati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għandhomx jingħataw jew le lil impriża li sofriet dannu. Huwa għalhekk loġiku li l-Irlanda esponiet ir-riżervi tagħha waqt is-seduta.

35. Safejn għadhom iridu jittieħdu deċiżjonijiet f'din il-kawża, l-applikazzjoni *ratione temporis* tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 hija għaldaqstant possibbli fil-kuntest tal-kawża prinċipali.

12 — Konklużjonijiet tal-11 ta' Novembru 2004, flimkien mar-riferenzi għas-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1981, Salumi *et* (212-80 sa 217/80, Ġabra p. 2735, punt 9), tas-6 ta' Lulju 1993, CT Control "Rotterdam" u JCT Benelux vs Il-Kummissjoni (C-121/91 u C-122/91, Ġabra p. I-3873, punt 22) tas-7 ta' Settembru 1999, De Haan (C-61/98, Ġabra p. I-5003, punti 13 u 14), kif ukoll ta' l-1 ta' Lulju 2004, Tsapalos u Diamantakis (C-361/02 u C-362/02, Ġabra p. I-6405, punt 19).

36. Dubju ta' l-aħħar fir-rigward ta' l-ammissibbiltà tat-talba jikkonċerna l-legalità tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220. Fil-każ li din tkun illegali u, għaldaqstant, mhux applikabbli, id-Deċiżjoni Qafas lanqas tista' tobbliga lill-Imħallef jagħti interpretazzjoni skond id-Deċiżjoni Qafas, u d-domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni tagħha huma irrilevanti għall-finijiet tal-kawża prinċipali.

37. F'dan ir-rigward, nixtieq nfakkar li fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pupino, jiena wrejt dubji rigward il-bażi legali tagħha, qabel, madankollu, ma wasalt għall-konklużjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex tqajjem dawn id-dubji *ex officio*, peress li fi kwalunkwe każ ma kien hemm l-ebda dubju serju [13]. L-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas fuq il-bażi legali magħżula ta' l-inqas tidher li tista' tiġi difiża. Huwa għaldaqstant loġiku li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Pupino, ma esprimietx ruħha dwar din il-kwistjoni. Peress li lanqas f'dan il-każ, la l-qorti tar-rinviju, u lanqas il-parteċipanti ma qajmu l-kwistjoni tal-bażi legali tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, mhuwiex meħtieġ li dan il-punt jiġi analizzat fid-dettal mill-ġdid f'din il-kawża.

38. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija għaldaqstant ammissibbli.

13 — Iċċitati iktar 'il fuq (punti 48 sa 52).

B — *Fuq id-domandi preliminari*

39. Sabiex tingħata risposta għad-domandi tal-qorti tar-rinviju li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 fid-dawl tad-Direttiva 2004/80, jeħtieġ, qabel kollox, li jiġu eżaminati l-possibbiltajiet u l-limiti ta' l-interazzjoni bejn atti legali adottati abbażi tat-Trattat KE u tat-Trattat UE (ara f'dan ir-rigward, punti 40 sa 49, iktar 'il quddiem). Huwa fid-dawl tar-riżultati ta' eżami bħal dan li mbagħad għandha tiġi interpretata d-Deċiżjoni Qafas 2001/220 (ara f'dan ir-rigward, it-taqsimiet 2 u 3, iktar 'il quddiem).

1. Fuq ir-relazzjoni bejn id-dritt ta' l-Unjoni u d-dritt Komunitarju mill-aspett ta' l-interpretazzjoni

40. L-Irlanda u r-Renju Unit huma, b'mod partikolari, kontra l-fatt li fl-interpretazzjoni ta' Deċiżjoni Qafas li toħroġ mid-dritt ta' l-Unjoni, tittieħed in kunsiderazzjoni direttiva Komunitarja (adottata sussegwentement). Dawn huma żewġ sistemi legali distinti, li għandhom jinżammu kompletament separati. Din l-opinjoni hija, ta' l-inqas parzjalment, ibbażata fuq raġunijiet tajbin. Madankollu, ma tistax tiġi segwita kompletament.

41. L-ewwel nett għandu jiġi kkjarifikat il-fatt li kull interazzjoni reċiproka fl-interpretazzjoni tippresupponi li jkun hemm skop għal interpretazzjonijiet differenti. Interpretazzjoni *contra legem* tista' diffiċilment taqbel mal-prinċipju ta' ċertezza legali [14].

42. Kif isostni b'mod partikolari r-Renju Unit, il-kompetenzi differenti li jirriżultaw mit-Trattati UE u KE jostakolaw — anki fejn ikun hemm skop għal interpretazzjonijiet differenti — l-applikazzjoni, permezz ta' interpretazzjoni, ta' regoli ta' sistema legali partikolari fis-sistema legali l-oħra, peress li m'hemmx bażi legali għal dawn ir-regoli fis-sistema legali li tirċevihom. Kull interpretazzjoni għandha fil-fatt tieħu in kunsiderazzjoni l-bażijiet legali tal-miżura li għandha tiġi interpretata u għaldaqstant m'għandhiex twassal għal riżultat li ma jkunx għadu kompatibbli mal-bażi legali.

43. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għal dak li jirrigwarda l-assimilazzjoni tal-kontenut tad-dritt Komunitarju fid-dritt ta' l-Unjoni, peress li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, skond l-Artikolu 47 tiegħu, ma jaffettwax it-Trattat KE. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-obbligu li tiżgura li l-atti li, skond il-Kunsill jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni, ma jidħlux fuq il-kompetenzi li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE jagħtu lill-Komunità [15].

44. Jekk dawn il-limiti huma mħarsa, it-trasferimenti bejn id-dritt Komunitarju u d-dritt ta' l-Unjoni huma diġà stabbiliti fit-Trattati. L-Unjoni u l-Komunità jeżistu flimkien bħala sistemi legali distinti, iżda integrati [16]. Skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 1 UE, l-Unjoni hija stabbilita fuq il-Komunitajiet Ewropej. Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3 UE, l-Unjoni għandha qafas istituzzjonali wieħed li għandu jassigura l-konsistenza u l-kontinwità ta' l-attivitajiet li teżerċita sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tagħha filwaqt li tirrispetta u tibni fuq l-*acquis communautaire*. Barra minn hekk, l-Artikolu 61(a) u (e) KE jipprovdi li miżuri adottati skond it-Titolu IV tat-Trattat KE, flimkien ma' miżuri adottati abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat UE, jikkontribwixxu għall-implementazzjoni progressiva ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

45. Għaldaqstant, fis-sentenza Pupino l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li wieħed jista' jifhem perfettament li l-awturi tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea qiesu li kien utli li, fil-kuntest tat-Titolu VI ta' dan it-Trattat, jipprovdu għal rikors għal strumenti legali b'effetti simili għal dawk previsti mit-Trattat KE, sabiex jikkontribwixxu, b'mod effikaċi, biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni [17].

14 — Sentenza Pupino (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 44 u 47).

15 — Sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (viżi għal tranżitu) C-170/96, Ġabra p. I-2763, punt 16) u tat-13 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (liġi kriminali li tirrigwarda l-protezzjoni ta' l-ambjent) (C-176/03, Ġabra p. I-7879, punt 39).

16 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Settembru 2005, Yusuf u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-306/01, Ġabra p. II-3533, punt 156).

17 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 36.

Naturalment, dan jirrigwarda wkoll l-attività ta' l-Unjoni li tadotta regoli. It-teknika tal-leġiżlazzjoni, l-elementi ta' soluzzjoni, il-kunċetti li stabbilixxew irwieħhom fid-dritt Komunitarju sekondarju jistgħu japplikaw ukoll fl-atti legali tad-dritt ta' l-Unjoni.

46. Bħala prinċipju, l-elementi meħuda mid-dritt Komunitarju għandhom, fid-dritt ta' l-Unjoni, l-istess kontenut bħad-dritt Komunitarju. Madankollu, dan huwa minnu biss sakemm in-natura partikolari tad-dritt ta' l-Unjoni — per eżempju, in-nuqqas ta' effett dirett tad-deċiżjonijiet qafas — ma tipprekludihx. Fil-fatt, mhuwiex possibbli, anki permezz ta' interpretazzjoni koerenti, li jitħassru d-differenzi stabbiliti mit-Trattat bejn id-dritt Komunitarju sovranazzjonali u d-dritt ta' l-Unjoni, li min-naħa tiegħu huwa bbażat iktar fuq id-dritt internazzjonali tradizzjonali.

47. Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi, is-separazzjoni stretta tas-setgħat li jiġu adottati regoli *teżiġi* wkoll li wieħed jadotta atti legali tad-dritt ta' l-Unjoni u tad-dritt Komunitarju li jkunu kumplimentari għal xulxin. Huwa għalhekk li emendi li saru għall-Konvenzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Schengen, f'dak li jirrigwarda s-sistema ta' informazzjoni Schengen (SIS), jirriżultaw minn atti legali paralleli adottati abbażi ta' l-Artikolu 66 KE u l-Artikolu 30(1)(a) u (b), l-Artikolu 31(a) u (b), kif ukoll l-Artikolu 34(2)(ċ) UE [18]. Atti legali bħal dawn għandhom jiġu interpretati skond l-għan komuni tagħhom, bħala li huma minsuġa ma' xulxin b'mod armonjuż. F'dan il-kuntest, jista' jkun partikolarment xieraq li d-definizzjonijiet jiġu interpretati b'mod uniformi.

48. Huwa preċiżament f'każijiet bħal dawn, kuntrarjament għall-opinjoni ta' l-Irlanda, li jista' jkun neċessarju li l-att legali preċedenti ta' sistema legali jiġi interpretat fid-dawl ta' att legali sussegwenti tas-sistema legali l-oħra. Min-naħa l-oħra, f'din is-sitwazzjoni jista' jkun xieraq li att legali sussegwenti jiġi interpretat fid-dawl ta' att legali preċedenti, li huwa msejjaħ li jikkompleta.

49. L-interpretazzjoni ta' miżuri tad-dritt ta' l-Unjoni fid-dawl tad-dritt Komunitarju huwa għaldaqstant possibbli, iżda f'dan ir-rigward huwa neċessarju li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-limiti li jirriżultaw mid-differenzi li jisseparaw l-Unjoni mill-Komunità, b'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda l-kompetenzi tagħhom u t-tipi ta' azzjoni li għandhom.

18 — Ara, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/201/JHA u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2004, tad-19 ta' Frar 2004, dwar il-proċeduri għall-emenda tal-Manwal Sirene (ĠU L 64, 2004, p. 5 u 45).

2. Fuq il-kunċett ta' vittma

50. Permezz ta' l-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk persuni ġuridiċi jistgħux ukoll ikunu "vittmi" taħt id-Deċiżjoni Qafas 2001/220. L-interess tad-domanda jinsab fil-fatt li d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 — b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 — jipproduċu effetti favur vittmi biss. Għaldaqstant, iktar 'il quddiem, jiena ser nuri li s-suppożizzjoni li persuni ġuridiċi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala vittmi skond id-Deċiżjoni Qafas mhijiex korretta, anki meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni d-Direttiva 2004/80.

a) Fuq id-Deċiżjoni Qafas 2001/220

51. Kif jenfasizzaw il-partijiet kollha fil-proċeduri, SAIPEM mhijiex vittma fis-sens tad-definizzjoni li jagħti l-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, minħabba li l-kunċett ta' vittma huwa ristrett għall-persuni fiżiċi biss.

52. L-Irlanda u l-Kummissjoni jenfasizzaw ġustament li l-istorja ta' din id-definizzjoni tissuġġerixxi li ma testendix għal persuni ġuridiċi. Mill-bidu, il-limitazzjoni għal persuni fiżiċi kienet intenzjonata, peress li hija konsistenti ma' l-inizjattiva Portugiża għad-Deċiżjoni Qafas. Il-Kummissjoni tirreferi għall-fatt li l-komunikazzjoni tagħha dwar il-vittmi ta' reati kriminali [19], li saret qabel l-inizjattiva, kienet tirrigwarda biss persuni fiżiċi. Fil-proċedura leġiżlattiva, il-Kunsill eżamina l-possibbiltà li jiġu inklużi persuni ġuridiċi [20], però dan ma wassalx sabiex id-definizzjoni ta' vittma tiġi mwessgħa b'dan il-mod.

53. Dan l-isfond storiku jmur ukoll kontra t-teżi, meqjusa bħala plawsibbli mill-Irlanda, li l-persuni fiżiċi li, b'xi mod jew ieħor, jikkostitwixxu l-persuna ġuridika, għandhom jiġu meqjusa bħala vittmi ta' reat kriminali. Kieku dawn il-vittmi indiretti kellhom jiġu protetti, kien ikun iżjed loġiku li l-persuni ġuridiċi jiġu kkunsidrati wkoll bħala vittmi. Barra minn hekk, dak li qed jiġi kkontestat fil-proċeduri kriminali, mhumiex id-drittijiet ta' persuni fiżiċi indirettament affettwati, iżda d-drittjiet ta' persuna ġuridika direttament leża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li wieħed ikun indirettament affettwat jistax jistabbilixxi l-istat ta' vittma taħt id-Deċiżjoni Qafas 2001/220, mhuwiex rilevanti.

54. Madankollu, t-teħid in kunsiderazzjoni tal-persuni fiżiċi li jikkostitwixxu persuna ġuridika jippermetti li tiġi eskluża oġġezzjoni oħra tar-Renju Unit kontra l-estensjoni tal-kunċett ta' "vittmi" għal persuni ġuridiċi.

19 — Il-Kummissjoni tirreferi għall-komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali — Vittmi ta' reati kriminali fl-Unjoni Ewropea — Ħsibijiet dwar il-prinċipji u l-miżuri, COM(1999) 349 finali.

20 — Konklużjonijiet tal-Grupp "Kooperazzjoni f'materji kriminali" tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2000 (Dokument tal-Kunsill 9720/00 tas-26 ta' Ġunju 2000, p. 3, punt 3) u r-rapport tal-Grupp "Kooperazzjoni f'materji kriminali" tal-11 ta' Lulju 2000 (Dokument tal-Kunsill 10387/00 ta' l-14 ta' Lulju 2000, p. 7, punt 1).

Dan l-Istat Membru jsostni li l-għan ta' l-Artikolu 29 UE, li ċ-ċittadini jkollhom livell għoli ta' protezzjoni fi spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, jirrigwarda neċessarjament persuni fiżiċi. Madankollu, dan ma jwaqqafx lil-leġiżlatur ta' l-Unjoni milli jipproteġi persuni ġuridiċi bl-istess mod bħall-persuni fiżiċi, peress li l-kriminalità li tikkaġuna dannu lil persuni ġuridiċi tolqot finalment lil persuni fiżiċi, jiġifieri lill-proprjetarji tagħhom, jew saħansitra lill-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, din il-forma ta' kriminalità jista' jkollha effetti wkoll fuq is-sentimenti individwali tas-sigurtà taċ-ċittadini.

55. Irrispettivament mill-għan ġenerali tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni, in-natura restrittiva tad-definizzjoni ta' vittma fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220 hija madankollu konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Deċiżjoni Qafas, u l-għanijiet li jistgħu jiġu dedotti minn dan l-istess att.

56. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 jistgħu ċertament, bħala prinċipju, jiġu applikati parzjalment għal persuni ġuridiċi, jekk dawn ikollhom jiġu meqjusa bħala vittmi; madankollu, kif tenfasizza ġustament l-Awstrija, ċertu elementi tad-Deċiżjoni Qafas għandhom effetti favur persuni fiżiċi biss. Huwa għalhekk li l-ħsarat subiti minn vittma, iċċitati bħala eżempju fl-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 — ħsara fiżika jew mentali, tbatija emotiva jew telf ekonomiku — jaffettwaw, kunsiderevolment, persuni fiżiċi biss. Jeħtieġ ukoll li jittieħed in kunsiderazzjoni l-Artikolu 2(1). Skond din id-dispożizzjoni, il-vittmi għandhom jirċievu trattament li jirrispetta d-dinjità personali tagħhom kif xieraq. Huwa diffiċli li wieħed jimmaġina kif il-protezzjoni speċifika li minnha jibbenefikaw il-vittmi partikolarment vulnerabbli, skond l-Artikolu 2(2), tista' tapplika għal persuni ġuridiċi. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet li jipprovdu protezzjoni għall-vittma u l-membri tal-familja tagħha, skond l-Artikolu 8, ma jistgħux jiġu applikati għal persuni ġuridiċi.

57. Wieħed jista' jkun lest li jintegra l-persuni ġuridiċi fil-kunċett ta' vittma fil-każ biss li n-nuqqas ta' teħid in kunsiderazzjoni tagħhom ikun inkompatibbli mad-dritt superjuri, jiġifieri, b'mod partikolari, mal-prinċipji fundamentali msemmija mill-Irlanda, li l-Unjoni hija marbuta tassigura l-ħarsien tagħhom skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6 UE. F'dan ir-rigward, tqum essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk id-differenza fit-trattament ta' persuna fiżika u persuna ġuridika tistax tkun kompatibbli mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza. Dan il-prinċipju jitlob li sitwazzjonijiet simili ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess

mod, sakemm trattament bħal dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [21].

58. Madankollu, anki fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza, il-leġiżlatur ta' l-Unjoni ħa ħsieb li jirregola t-trattament ta' persuni fiżiċi. Il-persuni ġuridiċi jistgħu ċertament jintlaqtu wkoll minħabba l-kriminalità iżda d-definizzjoni ta' vittma, li tinsab fl-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, turi li l-ħsara subita minn persuni fiżiċi mhijiex limitata biss għal telf ekonomiku, iżda għall-kuntrarju, mill-aspett ta' l-integrità fiżika u mentali, kif ukoll mill-aspett tat-tbatija emotiva, tista' tieħu dimensjonijiet kompletament differenti minn dawk tal-każ ta' persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, il-persuni fiżiċi kkonfrontati minn proċeduri kriminali għandhom bżonn ta' protezzjoni iktar qawwija mill-persuni ġuridiċi, regolarment sostnuti minn professjonisti. Dawn huma raġunijiet oġġettivi li għalihom persuni fiżiċi li huma vittmi ta' reat jingħataw trattament ipprivileġġat.

59. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma tipprojbixxix lill-Istati Membri milli jirrikorru għal miżuri tagħhom stess, safejn persuni ġuridiċi wkoll jkollhom bżonn ta' protezzjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali [22].

60. Għandu jiġi kkonstatat li d-Deċiżjoni Qafas 2001/220, anki fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, ma tinkludi l-ebda element li jippermetti l-estensjoni tad-definizzjoni ta' vittma, lilhinn mill-kliem tagħha stess, għal persuni ġuridiċi.

b) Fuq id-Direttiva 2004/80

61. L-ewwel nett, għandu jiġi osservat, kif jagħmel ir-Renju Unit, irrispettivament mill-interpretazzjoni li wieħed jagħti lill-kunċett ta' vittma, li din il-kawża ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/80. Din ta' l-aħħar tipprovdi ħlas ta' kumpens biss fil-każ ta' reat vjolenti intenzjonat, filwaqt li l-ammont in kwistjoni ġej minn approprjazzjoni indebita jew serq. Barra minn hekk, ir-reat seħħ — ta' l-inqas fil-parti l-kbira tiegħu, jekk mhux esklużivament — fl-Istat Membru li fih il-vittma (SAIPEM) għandha s-sede tagħha. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2004/80 tirregola l-ħlas

21 — Sentenzi ta' l-20 ta' Settembru 1988, Spanja vs Il-Kunsill (203/86, Ġabra p. 4563, punt 25); tas-17 ta' Lulju 1997, SAM Schiffahrt Stapf (C-248/95 u C-249/95, Ġabra p. I-4475, punt 50); tat-13 ta' April 2000, Karlsson *et* (C-292/97, Ġabra p. I-2737, punt 39); tat-12 ta' Marzu 2002, Omega Air *et* (C-27/00 u C-122/00, Ġabra p. I-2569, punt 79); tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union (C-137/00, Ġabra p. I-7975, punt 126); tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-304/01, Ġabra p. I-7655, punt 31) u ta' l-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match (C-210/03, Ġabra p. I-11893, punt 70).

22 — Id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 lanqas tinkludi dispożizzjoni li tista' tilleġittima trattament żvantaġġuż għall-persuni ġuridiċi. F'dan ir-rigward din hija differenti mil-leġiżlazzjoni diskussa fil-konklużjonijiet tiegħi tat-8 ta' Settembru 2005, Il-Parlament vs Il-Kunsill, sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006 (C-540/03, Ġabra p. I-5769, punti 99 *et seq*), li tidher li tiġġustifika traspożizzjoni li tmur kontra d-drittijiet fundamentali.

ta' kumpens meta r-reat iseħħ fi Stat Membru ieħor. Finalment, id-direttiva tippermetti lill-Istati Membri jillimitaw il-ħlas ta' kumpens għal dawk il-persuni biss li jsofru ħsara fiżika minħabba reati li seħħew wara t-30 ta' Ġunju 2005; f'dan il-każ ir-reat seħħ xi għaxar snin qabel.

62. Id-Direttiva 2004/80 għandha għaldaqstant tiġi kkunsidrata fil-kuntest l-iktar wiesa' tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220. Hija wkoll għandha l-għan li tipproteġi l-vittmi u fil-ħames premessa tagħha tirreferi espressament għad-Deċiżjoni Qafas. Kif tikkonstata l-Kummissjoni, iż-żewġ atti legali huma kumplementari ta' l-inqas għal dak li jirrigwarda l-għan li jiġu protetti l-vittmi.

63. Kif jenfasizzaw, ġustament, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni, iż-żewġ atti legali għandhom, madankollu, għanijiet differenti jiġifieri, minn naħa, id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 — safejn hija rilevanti f'dan il-każ — tirrigwarda l-ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat; min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2004/80, tirrigwarda l-ħlas ta' kumpens mill-Istat.

64. Huwa għalhekk li ż-żewġ atti legali mhumiex strettament kumplementari. Interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' vittma mhijiex assolutament neċessarja għall-finijiet tal-ħidma tagħhom, iżda hija pjuttost ta' interess sistematiku. Hija tista', b'mod partikolari, tiffaċilita t-traspożizzjoni u l-applikazzjoni prattika fl-Istati Membri. L-importanza żgħira marbuta ma' l-interess li tingħata interpretazzjoni koerenti minnha nnifisha tqajjem dubji dwar kemm id-Direttiva 2004/80 tista', min-natura tagħha stess, isservi bħala ġustifikazzjoni għal interpretazzjoni estiża — per eżempju, b'analoġija — tal-kunċett ta' "vittma" fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220.

65. Interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "vittma" fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220 mhijiex madankollu meħtieġa taħt id-Direttiva 2004/80, peress li wieħed ma jistax jiddeduċi, b'mod inekwivoku, li hija tikkunsidra lill-persuni ġuridiċi bħala vittmi.

66. B'differenza mid-Deċiżjoni Qafas 2001/220, id-Direttiva 2004/80 ma tinkludix definizzjoni espressa ta' vittma. Dan jista' jiġi spjegat permezz ta' l-istorja ta' l-abbozzar tagħha. Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar il-ħlas ta' kumpens lil vittmi ta' reat ma kinitx intiża biss sabiex tissimplifika l-ħlas ta' kumpens transkonfinali lil vittmi, iżda tiddefinixxi wkoll regoli minimi komuni għall-ħlas ta' kumpens lil vittmi. F'dan ir-rigward, il-proposta tinkludi definiz-

zjoni ta' vittma li hija limitata għall-persuni fiżiċi u tiġbor fiha biss il-ħsara subita minn persuni [23].

67. Madankollu, il-Kunsill ma armonizzax il-ħlas ta' kumpens li minnu għandhom jibbenefikaw il-vittmi [24]. L-unika regola li tikkonċerna t-talbiet għal ħlas ta' kumpens fil-kuntest tad-direttiva tinsab fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80, li jipprovdi obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li l-vittmi ta' reati intenzjonati jingħataw ħlas ta' kumpens ġust u xieraq. Barra minn hekk, mill-Artikolu 2 jirriżulta li l-ħlas ta' kumpens għandu jitħallas minn awtoritajiet ta' l-Istat.

68. Skond il-kliem tiegħu, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80 jista' jinkludi wkoll persuni ġuridiċi, peress li dawn ukoll jistgħu jsofru danni minħabba reati vjolenti intenzjonati kommessi fi Stati Membri oħra [25]. Għaldaqstant, wieħed ma jistax jeskludi li l-leġiżlatur Komunitarju wessa' l-kategorija ta' vittmi li jibbenefikaw mill-protezzjoni partikolari, lil-hinn mill-għanijiet inizjali tal-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva.

23 — COM(2002) 562 finali (ĠU 2003, C 45E, p. 150).

24 — Ara d-dokument "proposta tal-Presidenza għal kompromess", dokument tal-Kunsill 7752/04 tas-26 ta' Marzu 2004, fid-dawl tad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004 u l-pjan li rriżulta minnhom: dokument tal-Kunsill 8033/04, tal-5 ta' April 2004.

25 — Ara, per eżempju, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, Ġabra p. I-6959).

69. Il-Gvern Olandiż, il-Gvern Awstrijak u dak tar-Renju Unit, kif ukoll il-Kummissjoni, huma madankollu ta' l-opinjoni li l-persuni fiżiċi biss jistgħu jkunu vittmi ta' atti vjolenti intenzjonati taħt id-Direttiva 2004/80. F'dan ir-rigward huma jsostnu li l-limitazzjoni għal persuni fiżiċi biss tirriżulta mill-għan, stabbilit fl-ewwel premessa tad-direttiva, li jitneħħew, bejn l-Istati Membri, l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi, tas-sentenza Cowan [26], imsemmija fit-tieni premessa u li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi, u mill-fatt li l-ħames premessa tirreferi għad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li tiddefinixxi l-persuni fiżiċi bħala l-uniċi vittmi possibbli. Barra minn hekk, meta rrinunzja l-armonizzazzjoni proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill, preżumibbilment, ma kellux l-intenzjoni li jestendi l-kategorija ta' persuni li jibbenefikaw minn protezzjoni partikolari li tmur lilhinn mill-proposta tal-Kummissjoni, għal persuni ġuridiċi.

70. Filwaqt li l-kliem tad-Direttiva 2004/80 jippermetti li l-kunċett ta' vittma jiġi estiż għall-persuni kollha, fiżiċi u ġuridiċi, jeżistu numru ta' raġunijiet li għalihom dan il-kunċett għandu jkun limitat għal persuni fiżiċi biss. Għalkemm mhuwiex meħtieġ li f'dan il-każ tiġi stabbilita, b'mod definittiv, il-portata tal-kunċett ta' vittma skond id-

26 — Sentenza tat-2 ta' Frar 1989 (186/87, Ġabra p. 195, punt 19).

direttiva, dan il-kunċett bl-ebda mod ma jista' jwassal sabiex il-kunċett ta' vittma taħt id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 jiġi estiż lilhinn mill-kliem tad-definizzjoni tiegħu.

71. Bl-istess mod, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/80, imsemmi mill-qorti tar-rinviju, ma jistax jiġġustifika estensjoni tal-kunċett ta' vittma għall-persuni ġuridiċi. Kif isostnu ġustament l-Awstrija, l-Italja, l-Olanda, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni tiftaħ il-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali iżjed favorevoli. Għaldaqstant, l-Istati Membri *jistgħu* jikkunsidraw il-persuni ġuridiċi bħala vittmi wkoll. Madankollu, dan ma jfissirx li huma marbuta li jagħmlu hekk.

72. Għaldaqstant, anki fid-dawl tad-Direttiva 2004/80, il-vittmi fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 huma esklużivament persuni fiżiċi.

3. Fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 fi proċeduri kriminali għall-eżekuzzjoni ta' piena

73. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk id-drittijiet li għandha l-vittma bis-saħħa ta' l-Artikoli 2 u 9 tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 jibqgħux jeżistu wkoll waqt proċeduri kriminali għall-eżekuzzjoni ta' piena. Madankollu, peress li, abbażi tar-risposta għall-ewwel domanda, l-ebda vittma mhija kkonċernata fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas, uħud mill-partijiet huma ta' l-opinjoni li din il-kwistjoni hija purament ipotetika.

74. Madankollu, fil-kuntest ta' l-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat repetutament li għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari f'sitwazzjonijiet fejn il-fatti fil-kawża prinċipali jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, iżda fejn l-imsemmija dispożizzjonijiet ikunu saru applikabbli għalihom permezz tal-liġi nazzjonali [27]. Din is-soluzzjoni għandha tapplika wkoll għad-dispożizzjonijiet tad-dritt ta' l-Unjoni.

75. F'dan il-każ, wieħed ma jistax jeskludi li taħt id-dritt Taljana tapplika tifsira iktar wiesgħa tal-kunċett ta' vittma, b'mod illi persuni ġuridiċi jistgħu wkoll jibbenefikaw mill-proċeduri applikabbli favur persuni fiżiċi, jekk dawn ikunu jixtiequ jinvokaw id-

27 — Sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem (C-28/95, Ġabra p. I-4161, punt 27) u Giloy (C-130/95, Ġabra p. I-4291, punt 23); ara wkoll is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 1990, Gmurzynska-Bscher (C-231/89, Ġabra p. I-4003, punt 24); tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, Ġabra p. I-3763, punt 36); tal-11 ta' Jannar 2001, Kofisa Italia (C-1/99, Ġabra p. I-207, punt 21); tas-17 ta' Marzu 2005, Feron (C-170/03, Ġabra p. I-2299, punt 11) u tas-16 ta' Marzu 2006, Poseidon Chartering (C-3/04, Ġabra p. I-2505, punt 15).

drittijiet tagħhom bħala vittmi. Dan huwa suġġerit mill-fatt li l-Italja ma ttrasponietx espressament il-kunċett ta' "vittma" kif iddefinit fl-Artikolu 1(a) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220[28] u li d-dispożizzjonijiet Taljani rilevanti apparentement ma jużawx kunċett speċifiku sabiex jiddefinixxu vittma[29].

76. Fil-każ li d-dritt Taljan jipprovdi applikazzjoni uniformi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, irrispettivament minn dwar jekk il-vittmi humiex persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-ħtiġijiet li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas meta mqabbla mal-proċeduri għall-eżekuzzjoni tal-pieni jistgħu jkunu ta' interess għall-qorti tar-rinviju. Għaldaqstant, hemm lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi din id-domanda wkoll.

77. Essenzjalment, din id-domanda tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 9(1) u (3) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li jirregola l-ħlas ta' kumpens lil vittma u r-restituzzjoni tal-beni tagħha.

78. Jidher li l-qorti tar-rinviju tassumi li f'din il-kawża jista' jkun hemm restituzzjoni. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 9(3) jipprovdi li, sakemm ma jkunux meħtieġa b'mod urġenti għal proċeduri kriminali, il-beni li jistgħu jiġu rkuprati, li jappartjenu għall-vittma u li jiġu ssekwestrati waqt il-proċeduri, għandhom jingħataw lura lill-vittma mingħajr dewmien.

79. Peress li s-somma ta' flus li kellha tiġi restitwita kienet ġiet preżumibbilment ittrasferita fuq il-kont ta' l-awtur tar-reat permezz ta' depożitu bankarju, madankolu jista' jkun li — għall-kuntrarju ta' dak li tesponi l-qorti tar-rinviju — il-flus ma baqax proprjetà ta' SAIPEM. Huwa minħabba f'hekk li l-possibbiltà li l-vittma tingħata kumpens m'għandhiex tiġi eskluża. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri huma marbutin, skond l-Artikolu 9 (1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li jiżguraw li l-vittmi ta' reat kriminali jkollhom id-dritt li jiksbu, fi żmien ragionevoli, deċiżjoni dwar ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, ħlief meta, għal ċerti każijiet, il-liġi nazzjonali tipprovdi li l-ħlas ta' kumpens isir f'kuntest ieħor. Mhuwiex neċessarju li jiġi ċċarat hawnhekk, b'mod definittiv, dak li l-vittmi għandhom dritt għalih fil-kuntest tal-ħlas ta' kumpens. Huwa madankollu ċar li d-danni finanzjarji jirrikjedu ħlas ta' kumpens, fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 1(a), tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, isemmi espliċitament it-telf materjali bħala eżempju ta' ħsara subita minn vittma.

28 — Ara d-dokument tal-Kummissjoni SEC(2004) 102, p. 3, http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/criminal/doc/sec_2004_0102_fr.pdf. Dan jirrigwarda (disponibbli bil-Franċiż biss) r-rapport tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2001, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, COM(2004) 54 finali, tas-16 ta' April 2004.

29 — Jidher li f'dan ir-rigward japplikaw l-Artikoli 74 *et seq* kif ukoll 538 *et seq* tal-*codice di procedura penale* Taljan, li jikkonċernaw il-ħlas ta' kumpens lill-vittmi fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, kif ukoll l-Artikoli 262 u 263 tal-*codice di procedura penale* Taljan, li jikkonċernaw ir-restituzzjoni ta' beni sekwestrati.

80. B'differenza mill-ewwel domanda, id-Direttiva 2004/80 tidher li m'għandha l-ebda effett fuq l-interpretazzjoni. Dan jikkorrispondi għall-għan innifsu tad-direttiva, li huwa li jiġi assigurat il-ħlas ta' kumpens lil vittmi mill-Istat, mingħajr armonizzazzjoni dettaljata. Għaldaqstant, hija ma tipprovdix regoli li jirrigwardaw il-ħlas ta' kumpens mill-awtur ta' reat u lanqas ir-restituzzjoni lill-vittma tal-beni sekwestrati. Hija lanqas tirrigwarda l-proċeduri kriminali, peress li l-ħlas ta' kumpens lill-vittmi mill-Istat isir, ġeneralment, fi proċeduri oħra, abbażi tad-dritt pubbliku.

a) Fuq il-ħlas ta' kumpens

81. Għal dak li jikkonċerna l-ħlas ta' kumpens, l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 jistabbilixxi li kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vittma ta' reat ikollhom id-dritt li jiksbu, fi żmien raġonevoli, deċiżjoni dwar ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, ħlief meta, għal ċerti każijiet, il-liġi nazzjonali tipprovdi li l-ħlas ta' kumpens isir f'kuntest ieħor.

82. Skond din id-dispożizzjoni, il-vittmi għandhom jingħataw, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, id-dritt li jitolbu deċiżjoni ġudizzjarja li tirrigwarda l-ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat. Madankollu, hemm riżerva għal dan il-prinċipju għal dak li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kuntest: l-Istati Membri jistgħu, f'ċerti każijiet, jipprovdu li ħlas ta' kumpens isir f'kuntest ieħor. Madankollu, dan ma jfissirx li, fid-determinazzjoni tal-kuntest tal-ħlas ta' kumpens lil vittmi, l-Istati Membri għandhom libertà sħiħa u kompluta, iżda, għall-kuntrarju, ifisser li għal ċerti każijiet, huma jistgħu jipprovdu kuntest ieħor. Bħala regola ġenerali, il-vittmi għandhom ikollhom il-possibbiltà li jitolbu deċiżjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali.

83. Ir-rabta li ġiet stabbilita bejn il-proċeduri kriminali u d-deċiżjoni li tirrigwarda l-ħlas ta' kumpens għandha l-għan li teħles lill-vittma mit-toqol u r-riskji ta' proċedura ġudizzjarja supplimentari. Safejn il-proċeduri kriminali jiċċaraw ċerti kwistjonijiet jew jistgħu jiċċarawhom mingħajr diffikultà kbira, id-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-vittmi, fis-sens ta' l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2201/220, jiġu rikonoxxuti jekk il-qorti kriminali tittrasponi l-konstatazzjonijiet li jkunu saru direttament f'deċiżjonijiet korrispondenti.

84. Kien ikun konformi ma' dan il-għan kieku, safejn kien possibbli, ittieħdet deċiżjoni fl-istadju tal-proċeduri kriminali, għal dak li jirrigwarda l-ħlas ta' kumpens lil SAIPEM.

85. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza ġustament li d-deċiżjoni qafas ma tirregolax

il-klassifikazzjoni ta' tali deċiżjoni fi proċeduri kriminali interni Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Qafas tawtorizza lill-qorti sabiex l-ewwel tiddeċiedi fuq il-piena u mbagħad, fil-kuntest ta' proċeduri marbuta ma' dawk tal-bidu, abbażi ta' elementi li jkunu dehru waqt il-proċeduri kriminali, tiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li din id-deċiżjoni sussegwenti tingħata, kif meħtieġ mill-Artikolu 9(1), tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, fi żmien raġonevoli.

86. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa fid-Deċiżjoni Qafas 2001/220, il-possibbiltà li jiġri dan jiddependi, kif jenfasizza b'mod partikolari l-Gvern Olandiż, mid-dritt nazzjonali. Fil-każ li d-dritt nazzjonali — anki wara li tingħata interpretazzjoni fid-dawl tad-Deċiżjoni Qafas — wara li jiġi kkundannat l-awtur tar-reat, ma jippermettix iżjed li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal ħlas ta' kumpens, il-qrati għandhom jiddeċiedu dwar dan qabel jew fl-istess waqt li tingħata s-sentenza fil-proċeduri kriminali, skond id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali applikabbli f'dan ir-rigward.

87. Barra minn hekk, jiena jidhirli li għandu jiġi eskluż li d-dritt li tittieħed deċiżjoni fuq il-ħlas ta' kumpens lill-vittma jinżamm matul il-proċeduri kriminali kollha għall-eżekuzzjoni tal-pieni. Inkella jkun hemm riskju li dawn id-drittijiet jiġu invokati snin wara li l-qrati jkunu ttrattaw ir-reati. Apparti preskrizzjoni eventwali, talba bħal din mhux biss tkun kuntrarja għall-ħtieġa li tinsab fl-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, li deċiżjoni tittieħed fi żmien raġonevoli, iżda, barra minn hekk ma tkunx xierqa. Il-vantaġġi li jirriżultaw minn deċiżjoni magħquda jew, ta' l-inqas qrib fiż-żmien, li tingħata mill-istess qorti li tiddeċiedi dwar l-piena u l-ħlas ta' kumpens, jintilfu.

88. Fl-istess waqt, soluzzjoni bħal din, ħafna drabi, taffettwa, il-proċeduri li għalihom id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma kinitx tapplika, la waqt il-proċeduri li wasslu għall-kundanna, u lanqas waqt is-sentenza. Dan jidher fil-każ preżenti: il-kundanna ngħatat fl-1999, jiġifieri fi żmien meta d-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma kinitx għadha teżisti. Għaldaqstant, din ta' l-aħħar ma setgħetx tobbliga lill-qorti kompetenti tiddeċiedi, fil-kuntest ta' sentenza ta' kundanna, fuq talbiet ta' ħlas ta' kumpens u lanqas, safejn kien hemm bżonn, li tiċċara ċerti fatti. Madankollu, jekk f'dawn il-każijiet tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni dwar il-ħlas ta' kumpens, wieħed lanqas jista' jistenna li, deċiżjoni li għandha tingħata fil-futur, tingħata preċedenza fuq deċiżjoni li għandha tingħata fil-kuntest ta' proċedura tad-dritt ċivili.

89. Għaldaqstant, l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma jipprekludix deċiż-

joni dwar ħlas ta' kumpens lill-vittma, fi żmien raġonevoli, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għall-eżekuzzjoni tal-piena, iżda ma jirrikjedix deċiżjoni bħal din.

b) Fuq ir-restituzzjoni tal-beni

90. Id-dispożizzjoni essenzjali għall-finijiet tar-restituzzjoni tal-beni hija l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220. Skond din id-dispożizzjoni, sakemm ma jkunux meħtieġa b'mod urġenti għal proċeduri kriminali, il-beni li jistgħu jiġu rkuprati u li jappartjenu għall-vittma u li jkunu ġew issekwestrati matul il-proċeduri, għandhom jingħatawlha lura mingħajr dewmien.

91. B'differenza mill-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, għal dak li jikkonċerna l-ħlas ta' kumpens, din id-dispożizzjoni ma tipprovdix li tittieħed deċiżjoni dwar il-beni tal-vittma. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tqis li din id-dispożizzjoni hija applikabbli biss fin-nuqqas ta' kontestazzjoni dwar il-proprjetà. Bħall-Gvern Awstrijak, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li kontroversja fir-rigward tal-proprjetà taqa' taħt id-dritt ċivili u għaldaqstant, ma taqax, skond is-seba' premessa tagħha, taħt id-Deċiżjoni Qafas.

92. Billi jirreferu għas-seba' premessa tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, il-Kummissjoni u l-Awstrija jonqsu milli jirrikonoxxu li l-premessa tirreferi biss għall-proċedura ċivili, u mhux għad-dritt ċivili. Ikun kuntrarju għad-deċiżjoni dwar il-ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat, kif inhu previst mill-Artikolu 9(1), li d-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma taffettwax il-kwistjonijiet tad-dritt ċivili. Id-deċiżjoni dwar il-ħlas ta' kumpens mill-awtur tar-reat tirrigwarda normalment id-dritt ċivili.

93. Irrispettivament minn din il-kwistjoni, huwa ċertament minnu li l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma jipprovdi l-ebda deċiżjoni fir-rigward tal-proprjetà. Bħala prinċipju, din id-dispożizzjoni għaldaqstant tikkonċerna r-restituzzjoni ta' beni li dwarhom ma jkun hemm ebda kwistjoni, per eżempju, oġġetti li jappartjenu għall-vittma u li jkun ġew issekwestrati bħala prova. Kif isostni ġustament il-Gvern Irlandiż f'dan ir-rigward, l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 huwa biss espressjoni konkreta tad-dritt fundamentali għall-proprjetà.

94. Barra minn hekk, mhumiex il-kontestazzjonijiet kollha dwar il-proprjetà li jistgħu jimpedixxu r-restituzzjoni prevista. Fil-fatt, jekk, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali jew għall-bżonnijiet ta' dawn il-proċeduri, jiġi kkonstatat b'effett vinkolanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, għal min jappartjenu l-beni — per eżempju fil-każ ta' beni misruqa — sabiex tkun tista' tingħata sentenza ta' kundanna għal serq, din il-konstatazzjoni għandha tkun rilevanti wkoll għall-finijiet ta' restituzzjoni. Huwa biss b'dan il-mod li tista' tiġi sodisfatta l-ħtieġa ta' l-Artikolu 2(1) tad-

Deċiżjoni Qafas 2001/220, li jiġu rikonoxxuti l-interessi leġittimi tal-vittmi fil-kuntest tal-proċeduri kriminali. Konstatazzjoni ta' fatt, li hija meqjusa suffiċjenti għall-finijiet tal-kundanna ta' l-attur tar-reat, għandha wkoll tissussisti fir-rigward tar-restituzzjoni tal-beni lil vittma.

95. Min-naħa l-oħra, il-vittma ma tistax teżiġi r-restituzzjoni ta' beni kkontestati meta l-proċeduri kriminali ma jwasslux għal konstatazzjonijiet f'dan is-sens. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom il-libertà li jattribwixxu kontroversja dwar proprjetà lill-qrati ċivili. Il-kwistjoni li tqum hija dwar jekk u safejn id-Deċiżjoni Qafas 2001/220 tobbliga lill-qorti sabiex tagħmel konstatazzjonijiet f'dan is-sens, meta dawn ma jkunux neċessarji sabiex jiġu konklużi l-proċeduri kriminali. Għal dak li jikkonċerna din il-kawża, din il-kwistjoni ma tqajjem l-ebda interess, peress li l-konstatazzjonijiet eventwali kollha diġà saru fil-kundanna ta' G. Dell'Orto, jew ta' l-inqas, ma jistgħux jiġu mibdula b'mod retroattiv.

96. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li r-restituzzjoni lill-vittma, mingħajr dewmien, ta' beni sekwestrati, skond l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 għandha ssir meta l-proprjetà tal-beni ma tkunx ikkontestata jew tkun ġiet stabbilita b'effett vinkolanti fil-kuntest ta' proċeduri kriminali.

## V — Konklużjoni

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi bil-mod segwenti għad-domandi preliminari li sarulha:

"1. Anki fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti, il-vittmi fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/JHA, tal-15 ta' Marzu 2001, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali, huma esklużivament persuni fiżiċi.

2. L-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 ma jipprekludix deċiżjoni dwar ħlas ta' kumpens lill-vittma, fi żmien raġonevoli, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, iżda mingħajr ma jirrikjedi deċiżjoni bħal din.

3. Ir-restituzzjoni lill-vittma, mingħajr dewmien, ta' beni sekwestrati, skond l-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220 għandha ssir meta l-proprjetà tal-beni ma tkunx ikkontestata jew tkun ġiet stabbilita b'effett vinkolanti fil-kuntest ta' proċeduri kriminali."